MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 2125/1999/1

**Joseph Degabriele**

**v.**

**Pauline Degabriele**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2005, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), li ddisponiet u ddecidiet il-kwistjonijiet kollha li kienu tqajjmu fic-citazzjoni ta' l-attur, Joseph Degabriele, kif ukoll fil-kontro-talba tal-konvenuta martu, Pauline Degabriele. Dik

is-sentenza, *inter alia*, iddikjarat is-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konjugi Degabriele, minhabba li z-zwieg taghhom tfarrak irremedjabilment bi htija taz-zewg partijiet, li nstabu hatja versu xulxin ta' eccessi, mohqrija u ingurji gravi. Inoltre, dik is-sentenza, xoljiet u llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u ddividiet u assenjat l-oggetti kollha formanti parti mill-istess komunjoni bil-mod kif dettaljatament provdut fl-istess sentenza, fosthom billi orndat il-bejgh in subbasta tad-dar matrimonjali, cioe` l-appartament Nru. 5, fil-fond 95 Marina Street, Pieta`, u ta' l-ghamara kollha go l-istess appartament. Ordnat ukoll illi l-ispejjez tal-proceduri kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

2. Biex din il-Qorti tevita ripetizzjonijiet inutili, kopja shiha ta' l-imsemmija sentenza qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza sabiex tifforma parti integrali minnha. B'hekk mhux biss jigi inkorporat fl-odjerna sentenza d-dispositiv shih ta' l-istess sentenza appellata, izda wkoll jigu inkorporati t-talbiet kollha ta' l-attur, ir-relativa kontro-talba tal-konvenuta kif ukoll il-motivazzjonijiet kollha li l-ewwel Qorti adoperat biex waslet ghad-decizjoni taghha fis-sentenza appellata.

**<u>II L-APPELL</u>**

3. Il-konvenuta hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha permezz ta' rikors ta' appell prezentat fil-15 ta' Frar 2005. Fih hija ressqet zewg aggravji. Bl-ewwel wiehed hija sostniet li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi prodotti li jikkoncernaw ir-responsabilita` ghat-tkissir taz-zwieg. Bit-tieni aggravju taghha, il-konvenuta qeghda tissottometti illi meta l-ewwel Qorti ordnat il-bejgh in subbasta ta' l-immobbli, gie vantaggjat indebitament l-attur meta, kif gie sottomess fl-ewwel aggravju, hemm provi cari li kien l-attur stess li ta lok ghall-firda.

4. Ghalhekk il-konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:

(1) tirrevokaha f'dik il-parti fejn ippronunzjat is-separazzjoni minhabba htijiet imputabbli liz-zewg partijiet

u minflok tippronunzjaha minhabba htijiet imputabbli lill-attur appellat;

(2) tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat il-bejgh in subbasta ta' l-immobbli u minflok tordna d-dar matrimonjali, cioe` l-fond Flat 5, Marina Street, Pieta` jigi assenjat lill-konvenuta appellanti jew alternattivament tordna li dan il-fond jibqa' in komun bejn il-kontendenti bi dritt ta' abitazzjoni favur l-appellanti;

(3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tad-disposizzjonijiet kollha li tat.

5. L-attur appellat ikkontesta l-appell b'risposta dettaljata pprezentata fl-1 ta' Marzu, 2005. Hemmhekk, huwa sostna li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u ekwu tal-provi li tressqu u ghalhekk l-appell kellu jigi michud bl-ispejjez.

6. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali maghmula mid-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza ta' l-10 ta' Ottubru, 2005. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum wara li din il-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet kollha li saru mill-kontendenti u dan fl-isfond tal-provi kollha li jinsabu fl-atti processwali.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. Bl-ewwel aggravju taghha l-appellanti qeghda tattakka l-apprezzament li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet tal-provi li ressqu l-partijiet ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita` ghat-tkissir taz-zwieg. L-appellanti qeghda ssostni li hija gabet provi skjaccanti li jippruvaw l-adulterju da parti ta' l-appellat. L-appellanti qeghda tghid li hija stess xehdet dwar dan b'mod car u rreferiet ukoll ghall-korroborazzjoni provduta mix-xiehda ta' binha, Jean Paul Degabriele, li llum huwa maggorenni. Hija semmiet li dan binha kien xehed li meta missieru mar jghix ghal rasu, binha kien ra ritratt ta' mara ohra f'din id-dar u li missieru kien stqarr mieghu li huwa kellu relazzjoni mal-mara li kienet tidher f'dak ir-ritratt. L-appellanti rreferiet ukoll ghan-Nota ta' Sottomissjonijiet li hija pprezentat quddiem

l-ewwel Qorti u kkritikat lil dik il-Qorti ghax din ma tatx piz sewwa u sufficjenti lil dawk is-sottomissjonijiet. L-appellanti argumentat li kieku dawn is-sottomissjonijiet gew mistharrga kif imiss, l-ewwel Qorti kellha ssib lill-attur appellat hati tal-firda mhux biss fuq l-adulterju, izda wkoll minhabba li huwa ma weriex impenn serju lejn iz-zwieg, minhabba li qabad u abbanduna d-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida, kif ukoll minhabba li kien uza vjolenza fuqha. Sostniet ukoll li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha mill-appellat sabiex jiggustifika l-operat tieghu meta huwa abbanduna d-dar matrimonjali, kienu tant zghar u insinjifikanti illi zgur li ma kenux jikkostitwixxu raguni valida li jiggustifikaw it-talba ta' l-attur ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali.

8. Din il-Qorti ghamlet ezami akkurat u appronfondit tal-provi kollha li ressqu l-partijiet fuq il-kwistjoni tar-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg kif ukoll qieset sewwa in-Noti ta' Sottomissjonijiet li l-partijiet skambjaw bejniethom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fuq din il-kwistjoni. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax tilqa' dan l-ewwel aggravju ta' l-appellanti. Kuntrarjament ghal dak li hija ssottomettiet, fil-process ma hemm l-ebda prova skjaccanti ta' l-allegat adulterju kommess mill-attur appellat. Min, f'kawza ta' separazzjoni, jallega li l-parti l-ohra fiz-zwieg ikkommettiet adulterju, jidhol ghar-responsabbilita` li jaghmel prova sodisfacjenti ta' dak li jallega. Huwa principju baziku tal-ligi procedurali taghna, inkorporat fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12, li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Dan il-principju huwa wkoll rifless fil-massima "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Ta' min jiftakar ukoll li min jimputa adulterju lill-parti l-ohra fiz-zwieg, u jonqos li jaghmel prova sodisfacenti ta' din l-allegazzjoni, jista' jkun passibbli ghall-konsegwenza serja, u cioe` li huwa jkun hati ta' ingurja gravi fil-konfront tal-konjugi l-iehor.

9. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Onorabbli Qorti li l-attrici appellanti ma rnexxilhiex taghmel prova sufficjenti li l-zwieg tfarrak minhabba li zewgha kkommetta adulterju. Jidhrilha li dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment ghaliex iz-zewg partijiet ma gharfux japprezzaw bizzejjed l-attributi u

l-karrateristici tajbin li t-tnejn gabu maghhom fiz-zwieg. Jirrizulta li z-zewg partijiet hadmu u stinkaw hafna biex igibu 'l quddiem is-sitwazzjoni materjali u finanzjarja taghhom u dan ghall-gid komuni. Madanakollu jidher li huma naqsu li jikkoltivaw u jistmaw lil xulxin kif suppost biex b'hekk isahhu r-relazzjoni affettiva bejniethom u jibnu relazzjoni verament soda bejniethom. Il-provi jindikaw li kull parti hasset li diversi bzonnijiet taghha fiz-zwieg ma kenux qeghdin jigu sodisfatti u rispettati mill-parti l-ohra. Konsegwentement, bejniethom, minflok ma rrenjaw il-paci u l-armonija aktar spikkat il-konfrotazzjoni li wasslet biex fl-ahhar, u cioe` cirka wara ghoxrin (20) sena ta' hajja mizzewga, l-attur appellat iddecieda li jabbanduna d-dar matrimonjali u li jmur jghix ghal rasu band'ohra, kif fil-fatt ghamel. Fil-fehma tal-Qorti, n-nuqqasijiet ta' l-appellanti li jirrizultaw fil-process mhumiex, kif qalet hi, nuqqasijiet tant zghar u insinjifikanti. Din il-Qorti ma thossx in-necessita` li telabora oltre f'din is-sentenza dwar x'kienu ezattament dawn in-nuqqasijiet – is-sentenza hija dokument pubbliku accesssibbli ghal kulhadd.

10. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa' wkoll minhabba principju iehor li huwa radikat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti ta' revizjoni. Din il-Qorti, fl-ezercizzju tal-poteri revizjonali taghha, qatt ma tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Biex din il-Qorti tvarja dan l-apprezzament, din il-Qorti trid tkun verament konvinta li jirrizultalha xi raguni gravi jew impellenti li minhabba fiha jsir doveruz li hija tghaddi biex tiddisturba dak l-apprezzament, biex b'hekk tevita ingustizzja manifesta lil xi parti. Issa fil-kaz odjern, din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament il-provi kollha akkwiziti fil-process, ma sabet l-ebda raguni soda jew gravi bizzejjed biex tinklinaha li tiddisturba l-apprezzament ta' l-istess provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li wassluha biex tikkonkludi li r-responsabilita` ghat-tkissir taz-zwieg trid titpogga fuq spallejn iz-zewg kontendenti. Konsegwentement, l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti ma jistax jintlaqa'.

11. Bit-tieni aggravju taghha l-appellanti qeghda ssostni li l-ewwel Qorti ma kenitx gusta maghha meta ordnat l-

bejgh in subbasta tad-dar matrimonjali. Hija sostniet li l-konsegwenza ser tkun illi l-appellat ser idahhal somma konsiderevoli ta’ flus konsistenti f’sehmu mir-rikavat tal-bejgh u li huwa jibqa’ jghix komdu fil-fond fejn stabilixxa ruhu zmien ilu filwaqt illi hija ser tispicca bla dar u semplicement tiehu somma ta’ flus li mhix bizzejjed biex biha takkwista residenza alternattiva. Hija sostniet ukoll li iben il-kontendenti, ghalkemm huwa maggorenni, ghadu jghix maghha u dan ukoll ser jispicca bla post fejn joqghod jekk tinbiegh id-dar matrimonjali. L-appellanti sostniet li ghalhekk l-appellat sejjer jigi ferm aktar vantaggjat, meta kif gie sottomess fl-ewwel aggravju, hemm provi cari li l-appellat kien jahti tal-firda.

12. L-appellanti sostniet ukoll li anke jekk l-ewwel Qorti kellha dubju dwar ir-responsabbilta` ta’ l-appellat ghall-firda, kien ikun aktar ekwu u gust kieku d-dar matrimonjali thalliet in komun bejn il-kontendenti, bi dritt ta’ abitazzjoni favur taghha, almenu ghal numru ta’ snin.

13. Din il-Qorti diga` esprimiet il-fehma li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta hija waslet ghall-konkluzjoni li z-zewg partijiet taw lok ghall-firda. Ghalhekk, hafna mill-qawwa ta’ l-argumentazzjoni kontenuta fit-tieni aggravju ta’ l-appellanti jisfa fix-xejn. Jekk ir-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg trid tigi addossata indaqs fuq iz-zewg partijiet, il-konsegwenza logika hija illi l-proprjeta` in komuni ghandha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti, inkluz ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali. L-argument migjub ’il quddiem mill-appellanti rigward it-tifel, li huwa llum maggorenni, evidentement ma ghandu l-ebda sahha legali. Lanqas l-argument l-iehor migjub ’il quddiem minnha u cioe` li hija ser tispicca bla dar u li semplicement sejra tiehu somma li mhix bizzejjed biex biha ssib residenza alternattiva, ma huwiex argument li jikkonvinci lil din il-Qorti. Il-firda necessarjament iggib tbatija finanzjarja konsiderevoli fuq il-partijiet ghaliex minflok dar wahda jsiru mehtiega zewgt idjar ta’ residenza, kif ukoll ta’ l-ghamara u ta’ l-oggetti l-ohra kollha li jkunu necessarji biex jirrenduhom abitabbli. Wiehed lanqas irid jinsa li l-appellanti gawdiet wahedha d-dar matrimonjali ghal dawn

l-ahhar sitt snin u jirrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti li l-mezzi taghha ma jimpeduhiex li ssib residenza adegwata alternattiva ghaliha bir-rikavat ta' sehmha mill-bejgh tad-dar matrimonjali, kif ukoll mill-introjti l-ohra li jirrizulta li ghandha.

14. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-provvediment li tat l-ewwel Qorti rigward id-dar matrimonjali, u li l-appellanti qeghda tikkontesta b'dana l-aggravju, huwa provvediment sostanzjalment gust maz-zewg partijiet u ghalhekk is-suggeriment maghmul mill-appellanti li minflok id-dar matrimonjali ghandha tithalla in komun bid-dritt ta' abitazzjoni favur l-appellanti, almenu ghal numru ta' snin, ma jistax jintlaqa' minn din il-Qorti. Konsegwentement dan it-tieni aggravju ta' l-appellanti wkoll ma jistax jigi milqugh.

15. Ghal dawn il-motivi *previa* li tichad l-appell intavolat mill-konvenuta appellanti, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' din l-istanza kollha kemm huma kontra l-appellanti.

Deputat Registratur
Mgc

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Jannar 2005, qeghda tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------